**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 339/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-25 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet zzewwgu fit-12 ta' Awwissu, 1989 fil-Knisja Parrokkjali ta' St. Katarina z-Zejtun liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' registrazzjoni 1409/1989 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg Dokument A anness u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, C li llum ghandu 27 sena u D li ghalqet 20 sena.

Illi bint il-kontendenti, D ghandha mpjieg regolari u mhix qed tattendi l-ebda universita' kif manqas m'hi qiedgha tistudja full time jew part time sabiex m'hemm l-ebda manteniment li hu dovut mill-esponenti lill-intimata xi manteniment fir-rigward tal-istess D.

Illi l-partijiet ilhom sseparati de facto minn Awwissu tas-sena 2013 u ilhom separate de iure mis-27 ta' Gunju, 2014 meta b'kuntratt ippublikat minn nutar Dr. Anne Marie Agius fl-istess data huma kienu sseparaw minn xulxin konsenswalment f'liema separazzjoni l-mara rrivertiet ghal kunjom xbubitha Spiteri. L-imsemmi kuntratt qed jigi anness bhala Dokument B.

Illi ghalhekk ghaddew iktar minn erba' snin mitluba mil-ligi sabiex il-Qorti tkun tista' tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom anke minhabba l-fatt illi l-partijiet minn zmien is-separazzjoni sallum it-tnejn li huma ffurmaw relazzjoni ma' terzi persuni.

Illi ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi l-esponenti dejjem hallass l-manteniment ta' binthom D sad-data ta' meta dan kien lilha dovut legalment u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati lilha dovuta in kwantu dan il-manteniment sakemm dan kien ghadu legalment dovut kif lanqas m'hemm l-ebda manteniment li l-intimata ghandha xi dritt li tippretendi minghand l-esponent billi l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u senjatament l-Artikolu 5 tal-istess kuntratt il-partijiet kienu qablu u ddikjaraw illi kienu ddekadew reciprokament mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni mecessarja u opportun u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Ra illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 l-intimata ddikjarat illi m'ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-affidavit tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Gunju, 2014. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata millum.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**